



---

**0004/2016**

18.1.2016

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Mira ta' korrimenti gravi tat-traffiku

**Olga Sehnalová (S&D), Lucy Anderson (S&D), Wim van de Camp (PPE),  
Ismail Ertug (S&D), Karima Delli (Verts/ALE), Maria Grapini (S&D),  
Theresa Griffin (S&D), Dieter-Lebrecht Koch (PPE), Kateřina Konečná  
(GUE/NGL), Gesine Meissner (ALDE), Monika Smolková (S&D),  
Dubravka Šuica (PPE), Patricija Šulin (PPE), Claudia Tapardel (S&D)**

Data ta' skadenza: 18.4.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-mira ta' korrimment gravi tat-traffiku<sup>1</sup>**

1. Mill-inqas 200 000 persuna sofrekonseguenzi b'effett fundamentali fuq ġajnejhom li rriżultaw minn ħabtiet tat-traffiku fl-UE s-sena l-oħra biss.
2. Korrimenti serji dovuti għat-traffiku għandhom effetti soċjali u ekonomiċi negattivi sinifikanti. Minbarra t-tbatija umana, l-ispiża totali ta' ġrieħi kkawżati mit-traffiku tat-triq hija bejn wieħed u ieħor 2 % tal-PDG.
3. L-istatistika turi li l-għadd ta' korrimenti serji f'inċidenti tat-traffiku qed jiżdied, u tela' għal kważi 3 % fl-2014 meta mqabbel mal-2013. Sabiex tinqaleb din it-tendenza, miri ta' tnaqqis ċari u ambizzju għandhom jiġu stabbiliti.
4. Fl-2013, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titlu "L-ewwel pass lejn strateġija dwar korrimenti" sab li "mira ta' tnaqqis strateġiku u realistikament ambizzjuż... tista' għalhekk tikkomplimenta l-istrateġja attwali dwar is-sikurezza fit-toroq tal-UE", u fl-evalwazzjoni interim reċenti tagħha dwar is-sigurtà fit-toroq, il-Kummissjoni kkonfermat li "prerekwiżiti biex jistabbilixxu mira strateġika huma ssodisfati".
5. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba tissodisa r-rakkmandazzjonijiet tagħha stess billi tistabbilixxi mira spċċifika għat-tnaqqis ta' korrimenti serji dovuti għat-traffiku fit-toroq, sabiex jiġi indirizzat l-għadd ta' inċidenti li jibiddlu ħajjet in-nies fit-toroq tal-UE.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill- Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgħi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.